- *SEPARAZZJONI; ARTIKOLU 40 KAP 16 –*
- *KURA U KUSTODJA -*
- *ARTIKOLU 48 TAL-KAP 16 –*
- *INTERESS TAL-MINURI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 60**
**Citazzjoni Numru: 1759/00/RCP**

**Joeann Sciberras**

**vs**

**Charles Sciberras**

**Il-Qorti,**

## <u>I.  PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hdax (11) ta' Frar 1998, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom hawn anness u mmarkat Dok "A"; u

Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom tifel jismu Neil, minorenni, li twieled fl-erbatax (14) ta' Mejju 1998; u

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli u z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment ghal ragunijiet sufficjenti fil-Ligi, fosthom inkompatibilta` ta' karattru u servizji u ngurji gravi da parti tal-konvenut zewgha; u

Illi l-attrici hi nfurmata li l-konvenut qieghed attwalment detenut fil-habs ta' Korradin; u

Illi l-kontendenti ilhom *de facto* separati ghal kwazi sentejn;

Illi l-attrici giet awtorizzata b'digriet numru **16/99** tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi b'kawza ghal separazzjoni personali.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u, ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 paragrafu (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, tistabbilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jigi meqjus li rrenda ruhu hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Neil tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa dina l-Onorabbli Qorti tenut kont tal-fatt li l-konvenut qieghed detenut il-habs u dan fl-interess ta' l-istess minuri;

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. Konsegwentement, tordna illi dawk l-affarijiet kollha li l-konvenut ircieva b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu mill-attur jigu ritornati lura lilu u dan kif jiddisponi l-**artikolu 48 subinciz 1 paragrafu (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, ghaliha u ghall-imsemmi tifel minuri, Neil, dik ir-retta alimentari xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici u tat-tifel minuri msemmi, pagabbli mill-konvenut fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jinqasmu f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti *in vista* tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut irrenda ruhu hati tal-firda;

8. Okkorrendo, tinnomina perit sabiex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja tal-konvenut fuq l-istess att;

9. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna lill-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha; u

10. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha Debono; u

11. Tawtorizza lill-attrici tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol.3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 13 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tas-7 ta' Frar 2001 fejn xehed Charles Sciberras. Minkejja l-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti nnominat bhala Assistenta Gudizzjarja lil Dr. Deborah Huber biex tigbor il-provi. Il-konvenut informa lill-Qorti li kien ser jipprezenta rikors biex jiggustifika l-kontumacja tieghu; tat-18 ta' Gunju 2001 izda peress li l-konvenut la deher u lanqas ma pprezenta r-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu, il-Qorti ssollecitat lill-Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi tal-attrici; u tad-19 ta' Settembru 2001.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 12 ta' Ottubru 2001 li biha pprezentat l-affidavits taghha u tal-genituri taghha.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja.

Rat il-verbali tad-9 ta' Jannar 2002; tas-27 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta u tat-18 ta' Gunju 2002

fejn xehdet l-attrici u l-kawza giet differita ghall-lum 27 ta' Gunju ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Frar 1998 bi zwieg civili, u damu tliet (3) xhur gharajjes u disa' (9) xhur mizzewgin. Il-konvenut kellu problema tad-droga, u kien ghadu kemm hareg mill-habs meta ltaqghat mieghu, u l-attrici emmnet li kien ser jitbiddel, u wara li f'Settembru 1997 harget tqila zzewgu, u l-minuri twieled fl-14 ta' Mejju 1998 u fil-fatt izzewgu l-habs ghaliex kien biss f'Gunju li hareg mill-habs.

Illi jidher mill-provi li l-konvenut kellu l-problema tad-droga, tant li kien jonfoq mal-Lm140 kuljum ghall-istess u kien biegh l-ghamara taghha u oggetti ohra sabiex jixtri d-droga. Wara li hareg mill-habs f'Gunju 1998 l-istess attrici rrakkontat diversi ncidenti fejn l-konvenut kien refa' jdejh fuqha u heddidha apparti kliem hazin u dagha u kien ghalhekk li ghamlet il-kuragg u harbet mid-dar.

Illi skond hija l-istess konvenut qatt ma ta kaz l-istess minuri u qatt ma kien ried jarah u qatt ma mantna lill-istess attrici u lill-minuri u fil-fatt qatt ma hadem, tant li hlas tal-

assistenza socjali kien jonfoqha biex jixtri d-droga, u mhux biss izda s-somma li kienet gabet fiz-zwieg ta' Lm1,800 kien hadhomlha l-konvenut, hlief ghal Lm300 li kienet nefqithom fuq it-tifel.

Illi mil-affidavits tal-genituri tal-attrici jidher li l-istess ma kienux jafu bis-swat tal-konvenut fuq martu, hlief wara li l-istess konjugi sseparaw *de facto;* u semmew il-problema li l-konvenut kellu fuq id-droga, il-habs, u l-atteggjament aggressiv tieghu.

Illi mill-atti jidher li apparti s-seduta tat-18 ta' Gunju 2001 l-konvenut ma deherx ghas-seduti quddiem il-Qorti, u lanqas ipprezenta rikors sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu, u ghalhekk l-unika provi li hemm huma dawk attrici, li ghalhekk din il-Qorti jkollha taccetta, *stante* li ma huma bl-ebda mod kontrastati b'xhieda ohra, u allura l-allegazzjoni attrici dwar ir-responsabilta' tal-konvenut ghat-tifrik tal-istess zwieg jirrizulta li gew ilkoll pruvati.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha salv li din il-Qorti ma tistax tiddisponi minn diversi talbiet *stante* li jidher li l-konvenut ma ghandux impjieg, u allura ma hemm xejn x'tista' tipprovdi dwar manteniment illum, u dwar il-komunjoni tal-akkwisti jidher li ma kien hemm xejn ta' sostanza fl-istess u dan kif sejjer jinghad iktar il-quddiem fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** bil-mod premess, b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u, ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 paragrafu (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, tistabbilixxi d-data tat-30 ta' Gunju 1998 minn meta l-istess konvenut ghandu jigi meqjus li rrenda ruhu hati tal-firda;

(2) Tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separata mill-konvenut zewgha;

(3) Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Neil tigi fdata lill-attrici u fl-interess tal-istess minuri ma huwa qed jinghata ebda access ghall-istess mill-konvenut, u kull access taht supervizjoni li jista' jigi kkunsidrat fil-futur, ghandu jsir wara li jigi ppruvat li l-konvenut ikun attenda b'success kors adegwat sabiex jehles mill-vizzju tad-droga, u kors iehor sabiex jghinu jikkontrolla l-aggressivita' tieghu, ma wahda mill-agenziji li hawn Malta, li jindirizzaw l-istess problema. Illi taht dan l-aspett din il-Qorti tordna li l-konvenut ma ghandu bl-ebda mod jersaq lejn martu u r-residenza taghha u tal-genituri taghha u dan ghall-ebda raguni.

(4) Tapplika kontra l-konvenut, interament id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

(5) Konsegwentement, tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500), li l-attrici gabet fiz-zwieg u li huwa ha minghand l-attrici waqt iz-zwieg, u dan kif jiddisponi l-**artikolu 48 subinciz 1 paragrafu (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

(6) Illi din il-Qorti ma tistax fic-cirkostanzi tilqa' din it-talba kif mitluba mill-attrici sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, ghaliha u ghall-imsemmi tifel minuri, Neil, dik ir-retta alimentari xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici u tat-tifel minuri msemmi, pagabbli mill-konvenut fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti, jew tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut, u dan peress li ghalkemm l-attrici u l-minuri ghandhom id-dritt li jigu mantnuti mill-konvenut, il-konvenut ma jidhirx li ghandu impjieg u ebda introjtu iehor.

(7) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti mid-data tat-30 ta' Gunju 1998, id-data meta l-konvenut irrenda ruhhu hati tal-istess firda u tiddikjara li ma jirrizultax li l-istess komunjoni kellha xi konsistenza.

(8) Tichad din it-talba ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti *stante* li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz.

(9) Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) bhala somma parafernali taghha u separatament taghti lill-attrici il-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha; u

(10) Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha Debono; u

(11) Tawtorizza lill-attrici tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza odjerna.

Illi l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata mir-Registratur tal-Qorti Superjuri lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data li din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**